MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Numru 1454/2007

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Essameldin Mohamed Daoud Mohsen, imwieled
Alexandria, Eġittu fis-7 ta’ ottubru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta’ novembru, 2007 u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta għamel falsifikazzjoni, biddel jew għamel xi tibdil f’passaport jew uża jew kellu għandu passaport li kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar tibdil fih;
2. talli taħt l-istess ċirkostanżi, xjentement għamel użu, minn siġilli, timbre jew marki u xjentement, mingħajr awtorita’ leġittima kellu fil-pussess tiegħu passaport li fih iffalsifika siġilli, timbre jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew

jiċċertifikaw fl-isem il-Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta’ proorjeta’ pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin taħt il-ġaranżija pubblika;
3. talli taħt l-istess ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi document ieħor falsifikat, u ciioe’ il-passaport tiegħu stess.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ novembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni mu lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 172(1)(2), 176 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------